# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Novembru 2023**

**Rikors Nru : 73/2023JPG**

**Kawza Nru : 24**

**CZ**

**vs**

**AB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' CZ gja B datat 14 ta' Frar 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-tmintax (18) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u z-zwieg taghhom jinsab registrat mar-Registru Pubbliku ta' Malta (vide certifikat taz-zwieg hawn anness u mmakrat bhal Dok A);*

*Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel bl-isem ta' SP f'X. Illi l-istess tifel SP illum huwa maggiorenni u jinsab f'impjieg full-time;*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin ghal aktar minn ghaxar snin. Difatti llum huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Matthew Agius datat nhar it-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok B;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli, jew remot, ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ftit aktar minn ghaxar snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi l-partijiet reciprokament irrininzjaw ghall-hlas ta' manteniment minghand xulxin u ghalhekk il-partijiet m'ghandhom l-ebda u/jew kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluz ebda hlas ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi r-rikorrenti tixtieq li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u reverentament titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet iccelebrat nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn din l-istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-25 t'Ottubru 2023 fejn l-intimat iddikjara li ma jehtieg assistenza legali, li ma ghandux oggezzjoni ghad-divorzju u li ma ghandux aktar provi x'jipproduci. (Fol 27)

Rat il-verbal tal-25 t'Ottubru 2023 fejn l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci jew trattazzjoni x'taghmel u stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Fol 27)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 12) illi l-partijiet izzewgu nhar it-18 t'Ottubru 2003, u minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni. Sostniet illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Jannar 2023 in atti tan-Nutar Dr Matthew Agius izda il-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni ghaliex ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin ghal zmien konsiderevoli. Lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide fol 31) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 t'Ottubru 2003, liema zwieg jgib certifikat numru 1987/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Jannar 2023 in atti tan-Nutar Dr Matthew Agius izda l-kontendenti ilhom jghixu separati de facto ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1987/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**